# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

26 ta' Jannar 2010 *

Fil-Kawża C-118/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2008, fil-proċedura

**Transportes Urbanos y Servicios Generales SAL**

vs

**Administración del Estado,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano (Relatur), J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, R. Silva de Lapuerta u C. Toader, Presidenti ta' Awla, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Schiemann, T. von Danwitz, A. Arabadjiev u J.-J. Kasel, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' April 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Transportes Urbanos y Servicios Generales SAL, minn C. Esquerrá Andreu, avukat,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. López-Medel Báscones, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn R. Vidal Puig u M. Afonso, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza fir-rigward ta' regoli applikabbli fl-ordni ġuridiku Spanjol għall-azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà kontra l-Istat għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Transportes Urbanos y Servicios Generales SAL (iktar 'il quddiem "Transportes Urbanos") u l-Administración del Estado dwar iċ-ċaħda tal-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà li din il-kumpannija ressqet kontra l-Istat Spanjol għal ksur tad-dritt tal-Unjoni.

### Il-kuntest ġuridiku

*Is-Sitt Direttiva*

3 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/7/KE, tal-10 ta' April

1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 274, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), tiddisponi fl-Artikolu 17(20) u (5) tagħha, fil-verżjoni li tirriżulta mill-Artikolu 28f tagħha:

"2. Sakemm il-merkanzija u s-servizi jintużaw għall-iskop tat-transazzjonijiet taxxabbli tagħha, il-persuna taxxabbli tkun intitolata li tnaqqas mit-taxxa li għandu jħallas:

a) taxxa fuq il-valur miżjud imħalsa għal merkanzija jew servizzi pprovduti jew li se jkunu pprovduti lilha minn persuna taxxabbli oħra li għandha tħallas it-taxxa fit-territorju tal-pajjiż;

b) taxxa fuq il-valur miżjud dovut jew imħallas għal merkanzija importata fit-territorju tal-pajjiż;

ċ) taxxa fuq il-valur miżjud dovuta skond l-Artikoli 5(7) (a), 6(3) u 28a(6);

[…]

5. Fir-rigward ta' oġġetti u servizzi li għandhom ikunu wżati minn persuna taxxabbli kemm għal transazzjonijiet koperti b'paragrafi 2 u 3, fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud titnaqqas, u għal transazzjonijiet fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun imnaqqas kif hu attribwit għat-transazzjonijiet ta' qabel.

Dan il-proporzjon għandu jkun determinat, b'mod konformi ma' l-Artikolu 19, għat-transazzjonijiet kollha mwettqa minn persuna taxxabbli.

[...]"

4 L-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva jistabbilixxi l-kriterji għall-kalkolu tal-proporzjon li jista' jitnaqqas previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17(5) tagħha.

*Id-dritt nazzjonali*

5 L-Artikolu 163 tal-Kostituzzjoni Spanjola (iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni") jipprevedi:

"Meta qorti tikkunsidra, matul proċeduri, li att li għandu s-saħħa ta' liġi, applikabbli fil-każ inkwistjoni u li fuq il-validità tiegħu tiddependi s-sentenza, jista' jmur kontra l-Kostituzzjoni, hija għandha tirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Constitucional [Qorti Kostituzzjonali] fiċ-ċirkustanzi, fil-forma u bl-effetti previsti mil-liġi, li fl-ebda każ ma jkunu sospensivi."

6 Il-Liġi 37/1992, tat-28 ta' Diċembru 1992, dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (BOE Nru 312, tad-29 ta' Diċembru 1992, 1992, p. 44247), hekk kif emendata mil-Liġi 66/97, tat-30 ta' Diċembru 1997 (BOE Nru 313, tal-31 ta' Diċembru 1997, p. 38517, iktar 'il quddiem il-"Liġi 37/1992"), tipprevedi limitazzjonijiet fuq id-dritt ta' persuna taxxabbli li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") relatata max-xiri ta' oġġetti jew servizzi ffinanzjati permezz ta' sussidji. Dawn il-limitazzjonijiet daħlu fis-seħħ mis-sena fiskali 1998.

7 Il-Liġi 37/1992 tipprevedi wkoll li kull persuna taxxabbli hija obbligata tippreżenta d-dikjarazzjonijiet perijodiċi, li fihom hija jkollha tikkalkola l-ammonti ta' VAT dovuti minnha (iktar 'il quddiem ir-"reverse charges").

8 Skont il-Liġi Fiskali Ġenerali 58/2003, tas-17 ta' Diċembru 2003 (BOE Nru 303, tat-18 ta' Diċembru 2003, p. 44987), il-persuna taxxabbli għandha d-dritt titlob ir-rettifika tar-reverse charges tagħha u, jekk ikun il-każ, li titlob ir-rimbors tal-ħlasijiet mhux dovuti. Skont l-Artikoli 66 u 67 tal-imsemmija liġi, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' dan id-dritt huwa ta' erba' snin, li jibda jiddekorri, essenzjalment, mill-għada tal-ġurnata li fiha l-ħlas mhux dovut sar jew tal-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu sabiex jiġu ppreżentati r-reverse charges jekk il-ħlas mhux dovut sar f'dan it-terminu.

**Il-kawża prinċipali**

9 Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-204/03, Ġabra p. I-8389), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li l-limitazzjonijiet tal-possibbiltà tat-tnaqqis tal-VAT previsti mil-Liġi 37/1992 kienu inkompatibbli mal-Artikoli 17(2)(5) u 19 tas-Sitt Direttiva.

10 Transportes Urbanos, li wettqet reverse charges għas-snin 1999 u 2000 skont il-Liġi 37/1992, ma approfittatx ruħha mid-dritt tagħha li titlob, skont il-Liġi Fiskali Ġenerali 58/2003, ir-rettifika ta' dawn ir-reverse charges. Fil-fatt, huwa paċifiku li tali dritt kien ġie preskritt fid-data li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq.

11 Transportes Urbanos imbagħad ressqet azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà quddiem il-Kunsill tal-Ministri kontra l-Istat Spanjol. Fil-kuntest ta' din l-azzjoni, hija saħħqet li hija kienet sostniet dannu ta' ammont ta' EUR 1228366.39, minħabba l-ksur, mil-leġiżlatur Spanjol, tas-Sitt Direttiva, u dan il-ksur kien ġie kkonstatat mill-Qorti tal-

Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq. Tali ammont jikkorrispondi għall-ħlasijiet tal-VAT miġbura indebitament mill-amministrazzjoni fiskali Spanjola matul l-imsemmija snin kif ukoll għar-rimborsi li setgħet titlob l-imsemmija kumpannija għall-istess snin.

12 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Jannar 2007, il-Kunsill tal-Ministri ċaħad it-talba ta' Transportes Urbanos, billi kkunsidra li l-ommissjoni tagħha li titlob ir-rettifika tal-imsemmija reverse charges fit-terminu previst għal dan l-għan kisret ir-rabta ta' kawżalità bejn il-ksur tad-dritt tal-Unjoni allegat kontra l-Istat Spanjol u d-dannu allegatament sostnut minn din il-kumpannija.

13 L-imsemmija deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kunsill tal-Ministri hija partikolarment ibbażata fuq żewġ sentenzi tat-Tribunal Supremo, datati d-29 ta' Jannar 2004 u l-24 ta' Mejju 2005 (iktar 'il quddiem il-"ġurisprudenza kkontestata") li jsostnu li l-azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà kontra l-Istat għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni huma suġġetti għal regola ta' eżawriment minn qabel tar-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji kontra l-att amministrattiv li jikkawża preġudizzju, li jkun ġie adottat b'applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li tmur kontra dan id-dritt.

14 Fis-6 ta' Ġunju 2007, Transportes Urbanos ippreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kunsill tal-Ministri quddiem it-Tribunal Supremo.

## Id-deċiżjoni tar-rinviju u d-domanda preliminari

15 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, it-Tribunal Supremo fakkar li, skont il-ġurisprudenza kkontestata, l-eżerċizzju ta' azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà kontra l-Istat bbażata fuq l-antikostituzzjonalità ta' liġi ma huwa suġġett, għall-kuntrarju tal-istess azzjoni bbażata fuq l-inkompatibbiltà ta' din il-liġi mad-dritt tal-Unjoni, għall-ebda

kundizzjoni ta' eżawriment minn qabel tar-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji, kontra l-att amministrattiv li jikkawża preġudizzju bbażat fuq din il-liġi.

16 Ir-raġuni tad-differenza ta' trattament bejn iż-żewġ azzjonijiet tqum mid-differenzi li jeżistu bejn ir-rikorsi li jistgħu jiġu eżerċitati kontra att amministrattiv skont jekk dawn ir-rikorsi humiex bbażati fuq l-inkompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-Unjoni jew fuq il-ksur tal-Kostituzzjoni mil-liġi nazzjonali li b'applikazzjoni tagħha dan l-att ġie adottat.

17 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza kkontestata, peress li hemm il-preżunzjoni li l-liġi nazzjonali hija konsistenti mal-Kostituzzjoni, l-atti amministrattivi bbażati fuq din il-liġi jibbenefikaw ukoll minn preżunzjoni ta' "legalità". Minn dan isegwi li la l-awtoritajiet amministrattivi u lanqas l-awtoritajiet ġudizzjarji ma jistgħu jannullaw dawn l-atti sakemm in-nullità tal-liġi ma tiġix iddikjarata minħabba li tmur kontra il-Kostituzzjoni minn sentenza tat-Tribunal Constitucional wara azzjoni għall-antikostituzzjonalità eżerċitata skont l-Artikolu 163 tal-Kostituzzjoni, azzjoni li biss l-qorti li quddiemha qed tidher il-kawża tista' tressaq.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk l-eżawriment minn qabel tar-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji kontra l-att amministrattiv dannuż kien meħtieġ bħala kundizzjoni sabiex tkun tista' titressaq azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà bbażata fuq ksur tal-Kostituzzjoni, dan iwassal li individwi jkollhom ir-responsabbiltà li jikkontestaw l-att amministrattiv adottat b'applikazzjoni tal-liġi li allegatament tmur kontra l-Kostituzzjoni billi jużaw, fl-ewwel lok, ir-rimedju amministrattiv u, fit-tieni lok, ir-rimedju ġudizzjarju kif ukoll billi jeżawrixxu kull istanza sakemm waħda mill-qrati tiddeċiedi finalment li tqajjem il-kwistjoni tal-antikostituzzjonalità ta' din il-liġi quddiem it-Tribunal Constitucional. Tali sitwazzjoni hija sproporzjonata u għandha konsegwenzi inaċċettabbli.

19 Min-naħa l-oħra, meta l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw li att amministrattiv ġie adottat b'applikazzjoni ta' liġi inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, huma obbligati, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jeskludu l-applikazzjoni ta' din il-liġi kif ukoll tal-atti amministrattivi adottati abbażi

tagħha. Għaldaqstant, huwa possibbli li jintalab direttament lill-imsemmija awtoritajiet l-annullament tal-att amministrattiv dannuż u jinkiseb rimedju totali.

20 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza kkontestata, l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni li jista' jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat għandha tiġi stabbilita minn deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja. Issa, l-effetti ta' sentenza ta' din tal-aħħar mogħtija taħt l-Artikolu 267 TFUE ma jistgħux jitqabblu ma' dawk ta' sentenza tat-Tribunal Constitucional li tiddikjara liġi antikostituzzjonali, fis-sens li d-deċiżjoni minn dan tal-aħħar biss tirriżulta fin-nullità ta' din il-liġi b'effett retroattiv.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Supremo ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Billi applika, [fil-ġurisprudenza kkontestata], soluzzjonijiet differenti għall-azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà finanzjarja tal-Istat bħala leġiżlatur fir-rigward ta' atti amministrattivi adottati abbażi ta' liġi li ġiet iddikjarata antikostituzzjonali u għal dawn l-azzjonijiet fir-rigward ta' atti amministrattivi adottati abbażi ta' regola li ġiet iddikjarata bħala li tmur kontra d-dritt [tal-Unjoni], it-Tribunal Supremo kiser il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività?"

**Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja**

22 Skont il-Gvern Spanjol, il-Qorti tal-Ġustizzja hija inkompetenti biex tiddeċiedi fuq il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bħal dawk li jikkostitwixxu l-ġurisprudenza kkontestata, peress li t-Tribunal Supremo stess jista' jbiddel din jekk huwa jqis li din hija inkompatibbli ma' dan id-dritt.

23 Għandu jitfakkar f'dan ir-rigward li, għalkemm ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi, fil-kuntest ta' proċedura preliminari, fuq il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mar-regoli ta' dritt tal-Unjoni, hija ddeċidiet diversi drabi li hija kompetenti sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li jirriżultaw minn dan id-dritt li jistgħu jippermettulha tevalwa tali konformità sabiex tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1993, Hünermund *et*, C-292/92, Ġabra p. I-6787, punt 8; kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7, C-380/05, Ġabra p. I-349, punt 50).

24 Għal dan l-għan, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 13 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-oriġini leġiżlattiva, regolatorja jew ġurisprudenzjali tar-regoli tad-dritt nazzjonali li l-qorti tar-rinviju għandha tevalwa l-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-elementi ta' interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda effett fuq il-kompetenza tagħha biex tiddeċiedi fuq it-talba għal deċiżjoni preliminari.

25 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali tal-Istati Membri kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, huma l-qrati nazzjonali biss, li quddiemhom tressqet il-kawża u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandhom jevalwaw, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi mressqa mill-qrati nazzjonali jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; tat-22 ta' Mejju 2003, Korhonen *et*, C-18/01, Ġabra p. I-5321, punt 19, kif ukoll tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea, C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punt 32).

26 Issa, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex mitluba li tinterpreta d-dritt nazzjonali jew sentenza ta' qorti nazzjonali, iżda li tagħti lill-qorti tar-rinviju elementi ta'

interpretazzjoni tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, sabiex tippermettielha li tevalwa jekk, skont id-dritt tal-Unjoni, hijiex obbligata teskludi l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali relatati mal-azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà kontra l-Istat għall-ksur ta' dan id-dritt minn liġi nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini, C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 46).

27 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Gustizzja għandha ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

## Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qed tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni jippreskludix regola ta' Stat Membru li l-azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażati fuq ksur ta' dan id-dritt minn liġi nazzjonali huma suġġetti għal kundizzjoni ta' eżawriment minn qabel tar-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji, kontra l-att amministrattiv dannuż, filwaqt li dawn l-istess azzjonijiet ma humiex suġġetti għal tali kundizzjoni meta huma bbażati fuq ksur tal-Kostituzzjoni minn din l-istess liġi.

### *Osservazzjonijiet preliminari*

29 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar preliminarjament, li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni li huwa attribwibbli lilu huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom dan tal-aħħar huwa bbażat (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et*, C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357 punt 35; tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 31 kif ukoll tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier, C-445/06, Ġabra p. I-2119, punt 19).

30 F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-individwi leżi għandhom dritt għal kumpens dment li jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li r-regola tad-dritt tal-Unjoni li nkisret għandha bħala għan li tagħtihom drittijiet, li l-ksur ta’ din ir-regola huwa suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu subit mill-individwi (ara f’dan is-sens, is-sentenza Danske Slagterier, iċċitata iktar ’il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-opportunità li tispeċifika li, bla ħsara għad-dritt għal kumpens li huwa msejjes direttament fuq id-dritt tal-Unjoni meta dawn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti, huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali tar-responsabbiltà li l-Istat għandu jagħti kumpens għall-konsegwenzi tad-dannu kkawżat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jkunux inqas favorevoli minn dawk dwar talbiet simili ta’ natura interna (prinċipju ta’ ekwivalenza) u ma jistgħux ikunu tali li jrendu l-ksib tal-kumpens impossibbli jew diffiċli ħafna fil-prattika (prinċipju ta’ effettività) (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta’ Settembru 2003, Köbler, C-224/01, Ġabra p. I-10239, punt 58, u tat-13 ta’ Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 123).

32 Hekk kif tirreleva l-qorti tar-rinviju, huwa għalhekk fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji li għandha tiġi eżaminata d-domanda magħmula.

*Fuq il-prinċipju ta’ ekwivalenza*

33 F’dak li jikkonċerna l-prinċipju ta’ ekwivalenza, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilità, dan jeħtieġ li r-regoli kollha applikabbli għar-rikorsi japplikaw mingħajr distinzjoni għar-rikorsi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni u għal dawk simili bbażati fuq il-ksur tad-dritt nazzjonali.(ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta’ Settem-

bru 1998, Edis, C-231/96, Ġabra p. I-4951, punt 36; tal-1 ta' Diċembru 1998, Levez, C-326/96, Ġabra p. I-7835, punt 41; tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et*, C-78/98, Ġabra p. I-3201, punt 55, kif ukoll tad-19 ta' Settembru 2006, i-21 Germany u Arcor, C-392/04 u C-422/04, Ġabra p. I-8559, punt 62).

34 Madankollu, dan il-prinċipju ma jistax jiġi interpretat bħala li jobbliga Stat Membru biex jestendi s-sistema interna l-iktar favorevoli għall-azzjonijiet kollha mressqa f'ċertu qasam tad-dritt (sentenzi Levez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42; tad-9 ta' Frar 1999, Dilexport, C-343/96, Ġabra p. I-579, punt 27, u tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, Ġabra p. I-10467, punt 45).

35 Sabiex jiġi vverifikat jekk il-prinċipju ta' ekwivalenza ġiex osservat fil-kawża prinċipali, hemm lok għalhekk li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-għan tagħhom u tal-elementi essenzjali tagħhom, l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà mressqa minn Transportes Urbanos, ibbażata fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni, u dik li din il-kumpannija setgħet tintroduċi billi tibbaża ruħha fuq ksur eventwali tal-Kostituzzjoni jistgħux jiġu kkunsidrati bħala simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Preston *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49).

36 Issa, għal dak li jikkonċerna l-għan taż-żewġ azzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà msemmija fil-punt preċedenti, hemm lok li jiġi rrilevat li huma għandhom eżattament l-istess għan, jiġifieri l-kumpens tad-dannu sostnut mill-persuna leża minħabba att jew ommissjoni tal-Istat.

37 Fir-rigward tal-elementi essenzjali tagħhom, għandu jiġi mfakkar li r-regola ta' eżawriment minn qabel inkwistjoni fil-kawża prinċipali tagħmel distinzjoni bejn dawn l-azzjonijiet, sa fejn din teħtieġ dak li ressaqha eżawrixxa minn qabel ir-rimedji kontra l-att amministrattiv dannuż biss meta l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà hija bbażata fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-liġi nazzjonali li bl-applikazzjoni tagħha dan l-att ġie adottat.

38 Issa, huwa importanti li jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li ċerti żviluppi jidhru li qed jissuġġerixxu fil-ġurisprudenza kkontestata msemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza, il-kumpens tad-dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-Unjoni minn Stat Membru ma huwiex suġġett għall-eżiġenza li l-eżistenza ta' tali ksur tirriżulta minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' deċiżjoni preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Brasserie du pêcheur u Factortame, iċċitati iktar 'il fuq, punti 94 sa 96; tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et*, C-178/94, C-179/94 u C-188/94 sa C-190/94, Ġabra p. I-4845, punt 28, kif ukoll Danske Slagterier, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

39 Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-kawża prinċipali, Transportes Urbanos ibbażat l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tagħha fuq is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat il-ksur tas-Sitt Direttiva mil-Liġi 37/1992.

40 Barra minn hekk, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li Transportes Urbanos ressqet din l-azzjoni quddiem il-Kunsill tal-Ministri minħabba l-fatt li t-termini għat-tressiq ta' talba ta' rettifika tar-reverse charges imwettqa għas-snin 1999 u 2000 kienu skadew fid-data li fiha ngħatat l-imsemmija sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja.

41 Minkejja dan, hekk kif intqal fil-punti 12 u 13 ta' din is-sentenza, l-imsemmija azzjoni nċaħdet mill-Kunsill tal-Ministri preċiżament minħabba l-fatt li Transportes Urbanos ma kinitx, qabel it-tressiq ta' din l-azzjoni, talbet ir-rettifika tar-reverse charges tagħha.

42 Min-naħa l-oħra, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, jekk Transportes Urbanos setgħet tibbaża l-azzjoni tagħha għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà fuq sentenza tat-Tribunal Constitucional li tiddikjara n-nullità tal-istess liġi minħabba ksur tal-Kostituzzjoni, din

l-azzjoni setgħet tkompliet, u dan indipendentement miċ-ċirkustanza li din il-kumpannija ma kinitx talbet ir-rettifika tal-imsemmija reverse charges qabel ma t-termini biex tagħmel dan skadew.

43 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jidher li, fil-kuntest partikolari li ta lok għall-kawża prinċipali hekk kif deskritta fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-unika differenza li teżisti bejn iż-żewġ azzjonijiet imsemmija fil-punt 35 tikkonsisti fil-fatt li l-ksur ta' dritt li fuqhom huma bbażati huwa kkonstatat, wieħed, mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenza mogħtija taħt l-Artikolu 226 KE u, l-ieħor, minn sentenza tat-Tribunal Constitucional.

44 Issa, dan il-fatt uniku, fin-nuqqas ta' xi riferiment fid-deċiżjoni tar-rinviju għal elementi oħra li jippermettu li tiġi konkluża l-eżistenza ta' differenzi oħra bejn l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat effettivament imressqa minn Transportes Urbanos u dik li din tal-aħħar setgħet tressaq abbażi ta' ksur tal-Kostituzzjoni kkonstatat mit-Tribunal Constitucional, ma jistax ikun biżżejjed sabiex jistabbilixxi distinzjoni bejn dawn iż-żewġ azzjonijiet fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza.

45 F'tali sitwazzjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li ż-żewġ azzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu kkunsidrati bħala simili fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 35 ta' din is-sentenza.

46 Minn dan isegwi li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-prinċipju ta' ekwivalenza jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

47 Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata r-regola tal-eżawriment minn qabel tar-rimedji inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività.

48 Mill-preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola ta' Stat Membru li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażata fuq ksur ta' dan id-dritt minn liġi nazzjonali kkonstatat minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija taħt l-Artikolu 226 KE tista' titkompla biss jekk dak li qed iressaqha eżawrixxa minn qabel kull rimedju nazzjonali li bih jista' jikkontesta l-validità tal-att amministrattiv dannuż adottat abbażi ta' din il-liġi, filwaqt li tali regola ma hijiex applikabbli għal azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażata fuq ksur tal-Kostituzzjoni minn din l-istess liġi kkonstatat mill-qorti kompetenti.

**Fuq l-ispejjeż**

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola ta' Stat Membru li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażata fuq ksur ta' dan id-dritt minn liġi nazzjonali kkonstatat minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija taħt l-Artikolu 226 KE tista' titkompla biss jekk dak li qed iressaqha eżawrixxa minn qabel kull rimedju nazzjonali li bih jista' jikkontesta l-validità tal-att amministrattiv dannuż adottat abbażi ta' din il-liġi, filwaqt li tali regola ma hijiex**

**applikabbli għal azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażata fuq ksur tal-Kostituzzjoni minn din l-istess liġi kkonstatat mill-qorti kompetenti.**

Firem